MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2014

Numru. 272/2011

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**Christian Enriquez**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Christian Enriquez, ta' 24 sena, iben Emmanuel u Rita nee' Spiteri, imwieled Pieta' (Malta) nhar l-24 ta' Awwissu, 1986, residenti f'numru "9" The Lodge, Triq il-Giebja, Attard u li ghandu numru tal-karta tal-identita` 0414986(M), gie akkuzat talli :

*Nhar il-15 ta' Mejju 2010 u fix-xhur ta' wara b'diversi atti maghmula, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda gewwa Birkirkara u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin;*

*Approprijajt ruhek, billi dawwart bi profitt ghalik jew ghall-persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema delitt imsemmi gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek, jew minhabba depozitu necessarju u dan bi ksur tal-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija bil-gurament;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. F'xi gurnata fix-xahar ta` Mejju 2010, Bernard Paul Camilleri zviluppatlu hsara fil-laptop tieghu ta` l-ghamla ACER. Wara li kien ra reklam fuq magazine, cempel u tkellem ma l-imputat li kien joffri servizz ta` tiswija. Ftehemu li jiltaqghu l-ghada u hekk ghamlu u Bernard Paul Camilleri ghadda l-laptop lill-imputat bil-ftehim illi l-ewwel jara x'ghandu u qabel ma jaghmel xi tiswija jinformah xi kemm ikun hemm spejjez. Eventwalment hekk gara u l-imputat informa lil Bernard Paul Camilleri li l-hsara kienet tlehhaq l-ammont ta` €160. Bernard Paul Camilleri hass li kienet gholja u qablu li l-laptop jigi ritornat izda l-imputat jithallas charge ta` €15. Ftehemu biex jiltaqghu, izda minkejja li Bernard Paul Camilleri zamm l-appuntament, l-imputat ma marx. Is-sur Camilleri kompla ghal xi zmien jipprova jikkuntattja lill-imputat izda kien kollu ghal xejn.

Inzerta wkoll li kien dahal il-perjodu ta` l-ezamijiet u ghal xi ftit Bernard Paul Camilleri waqaf jipprova jikkuntattja lill-imputat. Wara li ghaddew xi xhur, propju fl-4 ta` Awwissu 2010, omm Bernard Paul Camilleri cemplet lill-imputat li minn naha tieghu informaha li hu kien remieh. L-imputat jghid illi kien kollu minnu dak li sehh u huwa ma kienx mar jirritorna l-laptop ghaliex kienet inqalghatlu xi haga. Induna pero li kien ukoll tilef il-contact details ta` Bernard Paul Camilleri. U peress li mbaghad kien ghadda xi zmien, ma kienx hemm aktar kuntatt bejniethom, u in vista tal-hsarat estensivi li kellu l-laptop, li fih ma kienx hemm files importanti, u li lanqas ghall-parts ma kien tajjeb, l-imputat haseb li Bernard Paul Camilleri ma kellux aktar interess fl-imsemmi laptop, u ddecieda li jarmieh (u hekk ghamel kif suppost fl-impjant ta` l-Imriehel). Dan ghamlu wkoll peress illi kienet prassi li oggetti bla uzu li jhallu warajhom in-nies ma jistax jibqa jzommhom fit-tul ghaliex inkella jispicca jkollu bzonn warehouse.

Dan hu essenzjalment dak li rrizulta f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti hawn fuq esposti jirrizultaw (apparti wkoll mid-dokumenti esebiti) mid-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni u dik ta` l-imputat (li hija l-istess verzjoni li huwa kien ta fl-istqarrija tieghu).

Illi fil-mori ta` dawn il-proceduri il-pendenza bejn Bernard Paul Camilleri u l-imputat giet rizolta amikevolment. Dan jirrizulta mill-atti processwali.

Indipendentement pero` mir-rizoluzzjoni tal-pendenza bejn u mill-partijiet innifishom, din il-Qorti xorta wahda trid tippronunzja ruhha dwar l-imputazzjonijiet migjuba stante li la darba gie addebitat ir-reat taht l-Artikolu 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, ma seta qatt ikun hemm ir-rinunzja ta` l-azzjoni kriminali da parti ta` Bernard Paul Camilleri.

Ghal dak li jirrigwarda l-elementi materjali tar-reat ta` appropriazzjoni indebita, din il-Qorti hi konvinta li dawn gew ippruvati sodisfacentement mill-prosekuzzjoni. Mhux l-istess pero` jista jinghad ghal dak li jirrigwarda l-element formali. Mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u mid-difiza, mehuda flimkien, din il-Qorti hi tal-fehema li l-element formali ma giex sufficjentement ippruvat. Kif sehhew l-affarijiet u l-kronologija taghhom, jindikaw lil din il-Qorti illi fil-mument meta l-imputat iddispona mill-laptop in kwistjoni, dan ghamlu ghaliex kien taht l-impressjoni genwina li Bernard Paul Camilleri kien tilef l-interess fl-imsemmi laptop. Din l-impressjoni genwina da parti ta` l-imputat, li giet sufficjentement ippruvata, bhala konsegwenza, iggib fix-xejn l-element formali – li necessarjament irid jigi ppruvat flimkien ma` l-element/i materjali sabiex tkun tista tinstab il-htija taht il-ligi penali.

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL CHRISTIAN ENRIQUEZ MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------